Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 25985220 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

9 ta' Awwissu 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji

**It-Tielet Sena 2021 - 2022**

Bħal dan iż-żmien tas-sena jkun qed isir eżerċizzju biex id-dettalji tat-tfal tagħkom, li bħalissa huma studenti fl-iskola Primarja A, jiġu għandna b'mod elettroniku. Dan huwa eżerċizzju li jsir fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex f'daqqa. Qabel isir dan l-eżerċizzju, l-uniku mod kif aħna nagħmlu kuntatt magħkom huwa permezz tal-website tal-iskola. Nitlobkom biex sakemm dan iseħħ, iżżuru s-sit elettroniku tal-iskola fejn issibu informazzjoni u dettalji utli, inkluż il-kalendarju tal-attivitajiet tal-iskola.

Sadanittant, f'din l-ittra, għandkom issibu żewġ listi.

L-ewwel lista hija l-lista tas-soltu, tal-affarijiet bażiċi li t-tfal ser ikollhom bżonn fit-Tielet Sena. Din il-lista mhux kompluta u meta nibdew l-iskola f'Settembru, l-għalliema jkomplu jżidu magħha. Iżda din il-lista għandha tgħin biex wieħed jibda jipprepara minn qabel.

- 8 pitazzi rigi dojoq
- 3 pitazzi rigi wisgħin
- 3 plastic folders (bil-buttuna, abjad, aħmar u blu)
- Folder A4 tal-kartun
- 2 A4 sketch pads (mingħajr staples)
- Riga twila u oħra qasira
- Crayons
- Kolla (glue stick)
- Imqass bla ponta
- Kaxxa tissues
- Wet wipes
- Sanitizer
- Permanent marker iswed
- White board marker iswed
- Pinzell size 12

Matul is-sena skolastika l-ġdida, it-tfal ser ikollhom bżonn ukoll numru ta' affarijiet, inkluż djarju u numru ta' booklets li jintużaw matul is-sena. Bejn wieħed u ieħor, il-prezz tad-djarju u l-booklets ikun ta' €30.

It-tieni lista hija ferm aktar importanti. Hija lista ta' affarijiet li t-tfal iridu jkunu jafu sew sakemm jibdew it-Tielet Sena. Il-bajtra ma taqa' f'ħalq ħadd. Jekk tridu li uliedkom jagħmlu progress mela araw li anke fis-sajf ikomplu jaħdmu b'mod bilanċjat imma regolari. Din il-lista hija essenzjali biex meta t-tfal jibdew il-Ħames Sena, jibdew fuq sieq tajba. Għalxejn insibu l-iskużi – ċertu affarijiet it-tfal iridu jistudjawhom. Jekk hemm bżonn iridu jistudjawhom kuljum sakemm idaħħluhom f'moħħhom. Jistudjawhom billi jgħiduhom,

jiktbuhom jekk hemm bżonn anke għal erba', ħames jew għaxar darbiet sakemm jitgħallmuhom. It-tfal iridu jkunu jafu:

- Jiktbu isimhom, kunjomhom u jafu d-data tat-twelid
- L-indirizz u numri tat-telefon importanti bl-amment
- Jaqflu l-lazz, u jiftħu u jagħlqu flixken u lunch boxes
- Jitempraw il-lapes u kif jużaw imqass
- Jiktbu l-ittri u n-numri sew
- Jgħoddu mill-1 sal-100, anke b'lura
- Jgħoddu bl-10 u l-5 (table tat-10 u 5)
- Jgħoddu billi jużaw idejhom u number chart
- Jiktbu l-ġranet tal-ġimgħa bil-Malti u bl-Ingliż
- Jiktbu l-kuluri bil-Malti u l-Ingliż
- Jaqraw kliem bażiku bil-Malti u l-Ingliż
- Jiktbu f'pitazz u jżommu fil-linji.

Fil-bidu tas-sena skolastika, it-tfal ser jiġu assessjati għal dawn il-ħiliet bażiċi.

Infakkarkom ukoll fis-Summer Challenge!

Inselli għalikom



Charlot Cassar
Kap tal-Iskola